BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA



# RAPPORT AGGREGAT DWAR L-EVALWAZZJONI KOMPRENSIVA

**Sommarju eżekuttiv**

**Ottubru 2014**

Dan id-dokument fih analiżi tad-dejta fil-formolarju (il-formola b'tagħrif dwar l-evalwazzjoni komprensiva / il-formola tal-ABE dwar it-trasparenza) ippubblikata fis-26 ta' Ottubru 2014, li saret mill-BĊE. Fil-każ ta' diskrepanzi, id-dejta fil-formolarju, bi qbil mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, tipprevali fuq dan ir-rapport.

**© Bank Ċentrali Ewropew, 2014**

| | |
|---|---|
| **Indirizz** | Kaiserstrasse 29, 60311 Frankfurt am Main, il-Ġermanja |
| **Indirizz postali** | Postfach 16 03 19, 60066 Frankfurt am Main, il-Ġermanja |
| **Telefon** | +49 69 1344 0 |
| **Internet** | http://www.ecb.europa.eu |

Id-drittijiet kollha miżmumin. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissemma s-sors.

Din hija l-verżjoni bil-Malti tas-Sommarju eżekuttiv tar-*Rapport Aggregat dwar l-Evalwazzjoni Komprensiva*. Għal aktar tagħrif, ara l-edizzjoni sħiħa tar-rapport bl-Ingliż hawn: www.ecb.europa.eu.

| | |
|---|---|
| **ISBN** | 978-92-899-1474-1 |
| **DOI** | 10.2866/27379 |
| **Numru tal-Katalgu UE** | QB-05-14-015-MT-N |

# KELMTEJN QABEL

It-tlestija tal-evalwazzjoni komprensiva hija ġrajja importanti li twassal għall-bidu tal-operat tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) f'Novembru 2014. Dan kien eżerċizzju ta' daqs bla preċedenti u l-pubblikazzjoni tar-riżultati tiegħu tipprovdi titjib sinifikanti fil-profondità u l-komparabbiltà tat-tagħrif disponibbli dwar il-kundizzjoni tal-banek parteċipanti. Ninsabu konvinti li din iż-żieda sostanzjali fit-trasparenza se tkun ta' benefiċċju għall-partijiet konċernati kollha u għalhekk huwa l-pjaċir tagħna nippreżentaw ir-Rapport Aggregat dwar l-evalwazzjoni komprensiva, li jikkomplementa l-formolarju bl-informazzjoni dwar il-banek individwali.

L-eżekuzzjoni tal-evalwazzjoni komprensiva kienet teħtieġ sforzi straordinarji u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi sostanzjali min-naħa tal-partijiet kollha involuti, fosthom l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti, l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), il-BĊE u l-banek parteċipanti. Bis-saħħa tal-professjoniżmu, ix-xogħol iebes kontinwu u l-ispirtu qawwi ta' kooperazzjoni tagħhom, dan l-eżerċizzju ntemm b'suċċess fi żmien tassew qasir. Il-MSU wera l-kapaċità tiegħu li jimmobilizza r-riżorsi sabiex issir ħidma flimkien fuq proġett komuni. Fil-BĊE, esperti kemm min-naħa superviżorja kif ukoll minn dik tal-attività ta' bank ċentrali kkooperaw b'mod estensiv, l-aktar fejn jidħol it-test tal-istress tal-eżerċizzju. Fir-rigward tat-test tal-istress, id-Direttorat Ġenerali tal-BĊE tal-Politika Makroprudenzjali u l-Istabbiltà Finanzjarja kien partikolarment responsabbli, bħalma ġara fit-testijiet tal-istress preċedenti tal-ABE. Aħna ninsabu grati ferm lejn kull min kien involut, għad-dedikazzjoni u l-ħidma tassew iebsa tagħhom biex jiffinalizzaw l-eżerċizzju fil-ħin u bi kwalità eċċellenti.

It-tlestija tal-evalwazzjoni komprensiva timmarka l-bidu ta' reġim superviżorju ġdid fiż-żona tal-euro, u l-MSU se jkompli jsegwi r-riżultati ta' din l-evalwazzjoni meta jieħu f'idejh l-attivitajiet superviżorji ta' kuljum mill-4 ta' Novembru 2014. L-eżerċizzju huwa punt tat-tluq importanti għal proċess li fih il-MSU se juża l-istrumenti kollha disponibbli fi ħdan il-mandat tiegħu biex itejjeb l-armonizzazzjoni f'oqsma ewlenin tat-trattament superviżorju u regolatorju tal-banek fiż-żona tal-euro. Dawn l-isforzi se jgħinu biex l-MSU jilħaq l-għan ġenerali tiegħu li jikkontribwixxi sostanzjalment għas-sigurtà u s-saħħa tas-sistema bankarja taż-żona tal-euro, u hekk fl-aħħar mill-aħħar ikunu l-ekonomiji u ċ-ċittadini tal-Istati Membri parteċipanti li jgawdu.

Frankfurt am Main, 26 ta' Ottubru 2014





Vítor Constâncio

Viċi President tal-BĊE

Danièle Nouy

President tal-Bord Superviżorju

# 1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

*Il-BĊE għamel l-evalwazzjoni komprensiva biex ikun imħejji qabel ma jieħu f'idejh il-kompiti tas-superviżjoni bankarja f'Novembru 2014. Dan irriżulta f'aġġustamenti aggregati ta' €48 biljun għall-valuri riportati tal-assi tal-banek parteċipanti li se jiġu riflessi fil-kontijiet tagħhom jew fir-rekwiżiti tal-kapital superviżorji. B'kollox, l-eżerċizzju identifika nuqqas ta' kapital għal 25 bank, b'total ta' €25 biljun.*

## 1.1 EVALWAZZJONI KOMPRENSIVA

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) se jieħu f'idejh il-kompiti tas-superviżjoni bankarja f'Novembru 2014 skont is-sehem tiegħu fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU). Bi tħejjija għal dan, il-BĊE mexxa evalwazzjoni komprensiva għal 130[1] bank. L-għanijiet dikjarati ta' dan l-eżerċizzju kienu li:

- Jissaħħu l-karti tal-bilanċ tal-banek billi jissewwew il-problemi identifikati permezz tal-azzjonijiet ta' rimedju meħtieġa.
- Titjieb it-trasparenza bis-saħħa tal-kwalità aħjar tat-tagħrif disponibbli dwar il-kundizzjoni tal-banek.
- Tissaħħaħ il-fiduċja billi l-parteċipanti konċernati jiġu żgurati li, meta jintemmu l-azzjonijiet ta' rimedju identifikati, il-banek se jkunu kapitalizzati b'mod solidu.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn il-metodu li ntuża u jippreżenta r-riżultati tal-eżerċizzju.

L-evalwazzjoni komprensiva kellha ambitu wiesa'. Il-130 istituzzjoni ta' kreditu li ħadu sehem fl-eżerċizzju (i.e. "il-banek parteċipanti"[2]) kellhom assi totali ta' €22.0 triljun, li jirrappreżentaw 81.6% tal-assi bankarji totali fil-MSU.[3]

L-evalwazzjoni komprensiva kienet maqsuma f'żewġ komponenti.

**1) L-analiżi tal-kwalità tal-assi (*asset quality review* – AQR) kienet evalwazzjoni tal-eżattezza tal-valur riportat tal-assi tal-banek fil-31 ta' Diċembru 2013 u serviet ta' punt tat-tluq għat-test tal-istress.** L-AQR saret mill-BĊE u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont metodoloġija uniformi u definizzjonijiet armonizzati. Il-kobor tal-eżerċizzju ma kellux preċedenti u serva ta' verifika bir-reqqa tas-saħħa tal-banek li se jkunu suġġetti għas-superviżjoni diretta tal-BĊE.

---

1 Id-differenza bejn dan in-numru u ċ-ċifra ta' 128 li ġiet irrappurtata inizjalment hija spjegata fit-Taqsima 3.1.

2 Mhux il-banek kollha li ħadu sehem fl-evalwazzjoni komprensiva se jkunu taħt is-superviżjoni diretta tal-BĊE. Dan huwa spjegat b'aktar dettalji fl-Appendiċi 9.1.

3 Fil-31 ta' Diċembru 2013

L-eżerċizzju kien ibbażat fuq ir-Regolament u d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRR/CRD IV) għal dik li hija d-definizzjoni tal-kapital regolatorju mill-1 ta' Jannar 2014. Skont l-AQR, il-banek intalbu jkollhom proporzjon minimu ta' 8% ta' Ekwità Komuni tal-Grad 1 (CET1).

**2) It-test tal-istress serva ta' eżami tas-saħħa tas-solvenza tal-banek f'żewġ sitwazzjonijiet ipotetiċi fil-ġejjieni, li kienu jirriflettu wkoll it-tagħrif ġdid li ħareġ mill-AQR.** It-test tal-istress sar mill-banek parteċipanti, il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bil-kooperazzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), li fasslet ukoll il-metodoloġija flimkien mal-BĊE u mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS). Għas-sitwazzjoni ta' bażi, il-banek intalbu jżommu proporzjon minimu CET1 ta' 8% filwaqt li għas-sitwazzjoni negattiva, intalbu jżommu proporzjon minimu CET1 ta' 5.5%.

L-AQR irrispettat ir-regolamenti attwali prudenzjali u tal-kontabilità, fosthom ir-regoli tal-CRR/CRD IV dwar il-kapital.[4] F'ċerti oqsma, il-metodoloġija tal-BĊE kienet tinvolvi preskrizzjoni prudenzjali addizzjonali għall-kunċetti tal-kontabilità sabiex ikun hemm konsistenza u konservatiżmu adegwat. Ir-riżultati huma ta' natura prudenzjali. Saru aġġustamenti għall-AQR, sikwit fil-każijiet fejn il-banek ma kinux qegħdin jiksru regoli tal-kontabilità. Madankollu, huwa mistenni li bosta banek x'aktarx jagħżlu li jirriflettu ħafna minn dan it-tibdil fil-kontijiet tagħhom. Fost l-oqsma fejn ġiet ipprovduta preskrizzjoni addizzjonali kien hemm il-kawżi tal-indeboliment, il-kalkolu ta' provedimenti speċifiċi individwali, u l-valutazzjonijiet tal-kollateral.

It-test tal-istress ma jbassarx ġrajjiet li jistgħu jseħħu fil-ġejjieni iżda huwa eżerċizzju prudenzjali li jistħarreġ jekk il-banek humiex kapaċi jifilħu għal kundizzjonijiet ekonomiċi aktar dgħajfin. Fit-test tal-istress, il-previżjonijiet tal-banek kienu suġġetti għal rekwiżiti definiti ċentralment sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konservatiżmu xieraq u *output* ta' kwalità tajba. Hekk, il-karti tal-bilanċ suppost li baqgħu kostanti fil-perjodu tat-test tal-istress fejn jidħlu l-volum totali tal-iskopertura, il-maturità u t-taħlita tal-prodott (i.e. l-ipotesi tal-karta tal-bilanċ statika).[5]

Fiż-żewġ komponenti, il-metodu li ntuża kien wieħed ta' eżerċizzju rigoruż u konsistenti, b'enfasi fuq "l-istess kundizzjonijiet" għall-banek kollha.

Fl-AQR, sar rieżami dettaljat tal-livell tal-assi għal aktar minn 800 portafoll speċifiku li jirrappreżentaw 57% tal-assi bankarji ppeżati għar-riskji. Dan irriżulta fl-analiżi dettaljata ta' aktar minn 119,000 sellief; l-evalwazzjoni tal-valutazzjoni ta' madwar 170,000 unità ta'

[4] Ara l-Appendiċi 9.4 għal aktar dettalji.

[5] Ara t-Taqsima 3.3.2 għal diskussjoni iżjed dettaljata.

kollateral; it-tfassil ta' 765 mudell biex "jikkontestaw" il-kalkoli tal-banek stess ta' provvedimenti evalwati b'mod kollettiv u aktar minn 100 mudell biex jevalwaw il-kalkolu tal-aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu (CVA) tagħhom; ir-rivalutazzjoni ta' aktar minn 5,000 minn fost l-iskoperturi ta' valur ġust l-aktar kumplessi; u r-rieżami ta' aktar minn100 mudell kumpless ta' valutazzjoni. Fl-aqwa tal-eżerċizzju, kien hemm aktar minn 6,000 espert jaħdmu fuq dan ir-rieżami profond.

Sabiex ikun hemm konsistenza u trattament indaqs kemm fl-AQR kif ukoll fit-test tal-istress, timijiet ċentrali tal-BĊE assiguraw b'mod indipendenti l-kwalità tax-xogħol li sar mill-banek u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-BĊE żamm kuntatt mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti billi wieġeb aktar minn 8,000 mistoqsija dwar il-metodoloġija u l-proċess. Il-BĊE analizza u kkontesta r-riżultati mill-perspettiva wiesgħa tal-MSU billi uża normattivi komparattivi, kif ukoll billi kkollabora mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jinvestiga kwistjonijiet speċifiċi li qamu. Aktar minn 100 espert tal-BĊE, li kellhom l-appoġġ ta' professjonisti esterni, kienu involuti f'din l-attività ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

## 1.2 RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONI KOMPRENSIVA

**L-AQR irriżultat f'aġġustamenti aggregati ta' €47.5 biljun għall-valuri riportati tal-assi tal-banek parteċipanti fil-31 ta' Diċembru 2013.** Dawn l-aġġustamenti oriġinaw primarjament minn assi b'kontabilità dovuta, b'mod partikolari aġġustamenti għal provvedimenti speċifiċi dwar skoperturi li m'għandhomx x'jaqsmu mal-konsum. Barra dan, l-istokks bi skopertura improduttiva (*non-performing exposure* – NPE) żdiedu b'€135.9 biljun fl-istituzzjonijiet fi ħdan l-ambitu, billi d-definizzjonijiet tan-NPE ddaħħlu f'bażi armonizzata u komparabbli, li tinkludi l-eżami tat-"tolleranza" (*forbearance*) bħala kawża tal-istatus ta' NPE.

L-implikazzjonijiet prudenzjali u tal-kontabilità se jiġu evalwati mit-Timijiet Superviżorji Konġunti l-ġodda (*Joint Supervisory Teams* – JSTs) tal-MSU, flimkien mal-konklużjonijiet kwalitattivi tal-eżerċizzju dwar, pereżempju, is-solidità tal-proċessi interni tal-banek. Dan se jfisser li anki fejn il-banek ma jagħmlux l-aġġustamenti fil-kontijiet tagħhom, il-konklużjonijiet kollha se jinqabdu bis-superviżjoni kontinwa u bir-rekwiżiti superviżorji tal-kapital. Kif turi l-Grafika 1, l-aġġustamenti tal-AQR ivarjaw skont il-ġurisdizzjoni billi ġew applikati standards konsistenti fejn il-metodi preċedenti setgħu kienu diverġenti.

**Grafika 1 Aġġustament gross tal-AQR skont il-pajjiż tal-bank parteċipanti**




Barra l-aġġustamenti li saru direttament fil-valuri riportati kurrenti, ir-riżultat tal-AQR ġie rifless ukoll fil-previżjoni tal-adegwatezza tal-kapital tal-banek skont is-sitwazzjonijiet ipotetiċi li saru fit-test tal-istress.

**Fis-sitwazzjoni negattiva, il-kapital aggregat disponibbli tal-banek ġie previst li jonqos b'madwar €215.5 biljun (22% tal-kapital miżmum mill-banek parteċipanti) filwaqt li l-assi ppeżati għar-riskji (*risk-weighted assets* − RWA) jiżdiedu b'madwar €860 biljun sal-2016. Jekk dan jiġi inkluż bħala rekwiżit tal-kapital fil-livell tal-limitu minimu, l-impatt totali għall-kapital ikun ta' €262.7 biljun fis-sitwazzjoni negattiva.**

Dan l-impatt fuq il-kapital iwassal biex il-proporzjon CET1 għall-bank parteċipanti medjan jonqos b'4.0 punti perċentwali minn 12.4% għal 8.3% fl-2016. It-tnaqqis fil-proporzjon CET1 medjan previst għall-banek f'kull pajjiż jidher fil-Grafika 2.

**Grafika 2 Evalwazzjoni komprensiva: Tnaqqis medjan previst fil-proporzjon tal-kapital f'sitwazzjoni negattiva skont il-pajjiż tal-bank parteċipanti**




Għalkemm mhux komparabbli għalkollox, it-tnaqqis fil-proporzjon medjan CET1 previst fl-Analiżi u r-Rieżami Komprensiv tal-Kapital (*Comprehensive Capital Analysis and Review* – CCAR) li sar fl-Istati Uniti fl-2014 kien ta' 2.9%.[6] It-tnaqqis kien ta' 3.9% fl-AQR u t-test tal-istress li saru fi Spanja fl-2012,[7] u ta' 2.1% fit-test tal-istress tal-ABE li sar fl-2011.[8]

**B'kollox, l-evalwazzjoni komprensiva identifikat nuqqas ta' kapital ta' €24.6 biljun f'25 bank parteċipanti wara li dawn il-proporzjonijiet ta' solvenza previsti tqabblu man-normattivi definiti għall-eżerċizzju.**[9]

In-nuqqas ta' €24.6 biljun jista' jinqasam fi tliet komponenti. L-ammont tan-nuqqas ta' kapital li ħareġ mit-test tal-istress li sar mill-banek u li ġie assigurat għall-kwalità mill-BĊE kien ta' €11.2 biljun, qabel ma saru xi aġġustamenti dovuti għar-riżultati tal-AQR u wara li tqiesu l-bafers tal-kapital kollha eżistenti fil-31 ta' Diċembru 2013. Jekk jiġi inkluż it-tnaqqis fil-kapital disponibbli fil-punt ta' tluq dovut għall-aġġustamenti tal-AQR, dan in-nuqqas jiżdied għal €21.9 biljun. Fl-aħħar, l-informazzjoni l-ġdida li ħarġet mill-AQR dwar il-prestazzjoni tal-assi ġiet riflessa fil-previżjonijiet tat-test tal-istress u rriżultat fin-nuqqas sħiħ ta' €24.6 biljun. Dawn l-impatti jidhru fil-Grafika 3.

---

6 Dodd Frank Act Stress Test: sitwazzjoni negattiva ferm. It-tnaqqis fil-proporzjon medjan CET1 tal-eżerċizzju tal-2013 kien ta' 2.9%.

7 Minħabba li l-għadd tal-banek parteċipanti kien żgħir, din iċ-ċifra hija medja ppeżata.

8 L-eżerċizzju sar fuq bażi iktar baxxa ta' kapital tal-bidu mill-eżerċizzju attwali.

9 8% ta' CET1 fis-sitwazzjoni ta' bażi u fl-AQR, 5.5% ta' CET1 fis-sitwazzjoni negattiva.

**Grafika 3 Evalwazzjoni komprensiva: Nuqqas ta’ kapital skont il-komponenti ewlenin**




It-total tan-nuqqas ta’ kapital skont l-evalwazzjoni komprensiva jidher mill-ġdid fil-Grafika 4, maqsum skont il-pajjiż tal-bank parteċipanti. It-total tan-nuqqas ta’ kapital jidher f’termini ta’ assi ppeżati għar-riskju (RWA) skont il-pajjiż, i.e. jirrifletti s-sinifikat tan-nuqqas skont id-daqs tal-banek inklużi fl-eżerċizzju u juri l-impatt dirett fuq il-proporzjon CET1 tal-banek.

**Grafika 4 Evalwazzjoni komprensiva: Nuqqas ta’ kapital skont il-pajjiż tal-bank parteċipanti**




Dan in-nuqqas ta’ kapital identifikat mill-evalwazzjoni komprensiva jista’ jitqiegħed fil-kuntest ta’ kapital miġbur reċentement mill-banek parteċipanti. Minn meta faqqgħet il-kriżi finanzjarja tal-2008 sal-31 ta’ Diċembru 2013, inġabar kapital ta’ aktar minn €200 biljun mill-banek parteċipanti f’dan l-eżerċizzju. Mill-1 ta’ Jannar 2014, inġabru €57.1 biljun oħra li mhumiex magħduda fir-riżultati ta’ hawn fuq, iżda li se jiġu kkunsidrati bħala mitigazzjoni għan-nuqqasijiet li nstabu fil-kapital.

Fil-livell tal-banek individwali, il-ħtiġijiet ta’ kapital li ġew identifikati jidhru hawn taħt, flimkien mal-kapital miġbur minn kull istituzzjoni mill-31 ta’ Diċembru 2013 ’il quddiem[10] u n-nuqqas ta’ kapital li fadal. Kull waħda mill-25 istituzzjoni identifikati fit-Tabella 1 se tibgħat skema tal-kapital lill-JST rispettiv fi żmien ġimagħtejn mill-pubblikazzjoni ta’ dan id-dokument, b’dettalji dwar kif se jimtela n-nuqqas ta’ kapital. Il-JSTs se jivverifikaw li dawn l-

[10] Sat-30 ta’ Settembru 2014

iskemi jkunu solidi u se jinkludu l-ġbir ta' kapital li diġà sar mill-banek parteċipanti li għandhom nuqqas.[11]

Jekk il-kapital kollu li nġabar diġà (li minnu jitnaqqas ix-xiri lura tal-istrument tal-kapital) jiġi paċut man-nuqqas ta' kapital, ikun jonqos €9.5 biljun[12] ta' kapital x'jimtela, maqsum bejn 13-il bank. Fil-każ ta' żewġ banek li jinsabu f'din il-lista u li għandhom nuqqas ta' kapital skont il-previżjoni b'karta tal-bilanċ statika,[13] il-JSTs se jqisu l-previżjonijiet b'karta tal-bilanċ dinamika (li saru flimkien mal-evalwazzjoni b'karta tal-bilanċ statika billi l-qbil dwar l-iskemi ta' ristrutturazzjoni ma' DĠ-COMP sar wara l-1 ta' Jannar 2014) biex jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-kapital finali tagħhom. Skont l-ipotesi b'karta tal-bilanċ dinamika, bank minnhom m'għandux nuqqas ta' kapital filwaqt li l-bank l-ieħor prattikament m'għandux nuqqas ta' kapital.

---

11 Banca Piccolo Credito Valtellinese, Società Cooperativa ('Credito Valtellinese') qiegħda titqies bħala istituzzjoni inqas sinifikanti u se tkun suġġetta għas-superviżjoni indiretta tal-BĊE fil-MSU. Aktar tagħrif dwar l-istituzzjonijiet inqas sinifikanti jinsab fit-Taqsima 3.1.1 u fl-Appendiċi 9.1.

12 Ta' min jinnota li xi banek ġabru ammont akbar min-nuqqas ta' kapital identifikat, u dan jispjega d-diverġenza bejn id-delta fin-nuqqas ta' kapital qabel u wara l-ġbir ta' kapital u l-kapital totali miġbur mill-banek b'nuqqas minn Jannar 2014 'il quddiem, li hija ta' €18.6 biljun.

13 Eurobank prattikament m'għandux nuqqas ta' kapital filwaqt li National Bank of Greece m'għandux nuqqas ta' kapital.

## Tabella 1 Banek parteċipanti b'nuqqas ta' kapital

| Isem tal-bank | Proporzjon CET1 punt tal-bidu | Proporzjon CET1 wara l-AQR | Proporzjon CET1 sitwazzjoni ta' bażi | Proporzjon CET1 sitwazzjoni negattiva | Nuqqas ta' kapital (biljuni ta' €) | Kapital nett eliġibbli miġbur (biljuni ta' €) | Nuqqas ta' kapital wara l-kapital nett miġbur (biljuni ta' €) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Eurobank[1] | 10.6% | 7.8% | 2.0% | -6.4% | 4.63 | 2.86 | 1.76 |
| Monte dei Paschi di Siena | 10.2% | 7.0% | 6.0% | -0.1% | 4.25 | 2.14 | 2.11 |
| National Bank of Greece[1] | 10.7% | 7.5% | 5.7% | -0.4% | 3.43 | 2.50 | 0.93 |
| Banca Carige | 5.2% | 3.9% | 2.3% | -2.4% | 1.83 | 1.02 | 0.81 |
| Cooperative Central Bank | -3.7% | -3.7% | -3.2% | -8.0% | 1.17 | 1.50 | 0.00 |
| Banco Comercial Português | 12.2% | 10.3% | 8.8% | 3.0% | 1.14 | -0.01 | 1.15 |
| Bank of Cyprus | 10.4% | 7.3% | 7.7% | 1.5% | 0.92 | 1.00 | 0.00 |
| Oesterreichischer Volksbanken-Verbund | 11.5% | 10.3% | 7.2% | 2.1% | 0.86 | 0.00 | 0.86 |
| permanent tsb | 13.1% | 12.8% | 8.8% | 1.0% | 0.85 | 0.00 | 0.85 |
| Veneto Banca | 7.3% | 5.7% | 5.8% | 2.7% | 0.71 | 0.74 | 0.00 |
| Banco Popolare | 10.1% | 7.9% | 6.7% | 4.7% | 0.69 | 1.76 | 0.00 |
| Banca Popolare di Milano | 7.3% | 6.9% | 6.5% | 4.0% | 0.68 | 0.52 | 0.17 |
| Banca Popolare di Vicenza | 9.4% | 7.6% | 7.5% | 3.2% | 0.68 | 0.46 | 0.22 |
| Piraeus Bank | 13.7% | 10.0% | 9.0% | 4.4% | 0.66 | 1.00 | 0.00 |
| Credito Valtellinese | 8.8% | 7.5% | 6.9% | 3.5% | 0.38 | 0.42 | 0.00 |
| Dexia[2] | 16.4% | 15.8% | 10.8% | 5.0% | 0.34 | 0.00 | 0.34 |
| Banca Popolare di Sondrio | 8.2% | 7.4% | 7.2% | 4.2% | 0.32 | 0.34 | 0.00 |
| Hellenic Bank | 7.6% | 5.2% | 6.2% | -0.5% | 0.28 | 0.10 | 0.18 |
| Münchener Hypothekenbank | 6.9% | 6.9% | 5.8% | 2.9% | 0.23 | 0.41 | 0.00 |
| Axa Bank Europe | 15.2% | 14.7% | 12.7% | 3.4% | 0.20 | 0.20 | 0.00 |
| C.R.H. - Caisse de Refinancement de l'Habitat | 5.7% | 5.7% | 5.7% | 5.5% | 0.13 | 0.25 | 0.00 |
| Banca Popolare dell'Emilia Romagna | 9.2% | 8.4% | 8.3% | 5.2% | 0.13 | 0.76 | 0.00 |
| Nova Ljubljanska banka[3] | 16.1% | 14.6% | 12.8% | 5.0% | 0.03 | 0.00 | 0.03 |
| Liberbank | 8.7% | 7.8% | 8.5% | 5.6% | 0.03 | 0.64 | 0.00 |
| Nova Kreditna Banka Maribor[3] | 19.6% | 15.7% | 12.8% | 4.4% | 0.03 | 0.00 | 0.03 |
| **Total** | **10.0%** | **8.4%** | **7.2%** | **2.1%** | **24.62** | **18.59** | **9.47** |

[1] Dawn il-banek għandhom nuqqas ta' kapital skont il-previżjoni b'karta tal-bilanċ statika, iżda se jitqisulhom il-previżjonijiet b'karta tal-bilanċ dinamika (li saru flimkien mal-evalwazzjoni b'karta tal-bilanċ statika billi l-qbil ma' DĠ-COMP dwar l-iskemi ta' ristrutturazzjoni sar wara l-1 ta' Jannar 2014) biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-kapital finali tagħhom. Skont l-ipotesi b'karta tal-bilanċ dinamika, dawn il-banek m'għandhomx nuqqas ta' kapital jekk jitqies il-kapital nett li diġà nġabar.

[2] Meta titqies l-iskema ta' riżoluzzjoni ordinata ta' din l-istituzzjoni, li tibbenefika minn garanzija tal-Istat, m'hemm ebda ħtieġa għal proċeduri ta' ġbir ta' kapital wara r-riżultati tal-evalwazzjoni komprensiva.

[3] L-impatt fuq l-2014 tal-miżuri ta' ristrutturizzazzjoni li diġà ttieħdu biex titjieb il-profitabilità strutturali u ż-żamma tal-qligħ imfaddal se jkopru n-nuqqas ta' kapital identifikat.

Il-kalkolu tas-CET1 użat fl-evalwazzjoni komprensiva u rifless hawn fuq sar fil-limiti tar-rekwiżiti legali eżistenti u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali nazzjonali, bl-eċċezzjoni unika tat-tneħħija tal-filtru prudenzjali għall-qligħ u t-telf mhux realizzat fuq skoperturi sovrani f'assi disponibbli għall-bejgħ (*available-for-sale* – AFS), fejn ġie applikat *phase-in* armonizzat definit

mill-ABE.[14] Dawn id-diskrezzjonijiet nazzjonali dwar dispożizzjonijiet tranżizzjonali jintroduċu varjazzjoni fid-definizzjoni attwali ta' kapital użata fost il-banek u l-pajjiżi. Id-differenzi li joħorġu se jonqsu gradwalment fis-snin li ġejjin hekk kif id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali jitneħħew ftit ftit. Sadattant, il-BĊE jirrikonoxxi l-ħtieġa li titjieb il-konsistenza tad-definizzjoni ta' kapital u tal-kwalità relatata tal-kapital CET1. Din se tkun kwistjoni li l-MSU jrid jindirizza bħala prijorità. Il-pubblikazzjoni tal-impatt tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fuq is-CET1 tippermetti li jsir tqabbil oġġettiv, fejn l-impatt tal-opzjonijiet nazzjonali jiġi newtralizzat.

## 1.3 STRUTTURA TA' DAN IR-RAPPORT

Il-bqija ta' dan ir-rapport hija mfassla kif ġej:

- Kuntest tal-eżerċizzju: għanijiet, prinċipji ta' gwida u interpretazzjoni tar-riżultati
- Ambitu tal-eżerċizzju u deskrizzjoni tal-metodoloġija: il-banek suġġetti għall-eżerċizzju; x'inhuma u x'mhumiex l-għanijiet tal-eżerċizzju; ħarsa ġenerali lejn il-metodu użat
- Assigurazzjoni tal-kwalità: il-proċess u l-analiżi li saru biex jiżguraw riżultati konsistenti u preċiżi
- Riżultati aggregati tal-evalwazzjoni komprensiva
- Riżultati tal-AQR u analiżi oħra: rieżami tad-*drivers* dettaljati tar-riżultati tal-AQR
- Riżultati tat-test tal-istress u analiżi oħra: rieżami tad-*drivers* dettaljati tar-riżultati tat-test tal-istress
- Miżuri kapitali meħuda mill-banek parteċipanti: kwantità tal-kapital u kompożizzjoni tal-kapital tal-banek parteċipanti, inkluż it-trattament tat-tnaqqis u l-kwalità relatata tal-kapital CET1.

[14] Il-metodu armonizzat tal-ABE għall-*phase-in* huwa 2014-20%, 2015-40%, 2016-60%.

## 1.4 IĊ-ĊIFRI TAL-EVALWAZZJONI KOMPRENSIVA

L-eżerċizzju kien komprensiv fl-ambitu tiegħu:

- 19-il pajjiż parteċipanti
- 130 bank parteċipanti
- 81.6% tal-assi bankarji totali tal-MSU koperti
- Aktar minn 6,000 espert involuti fit-timijiet bankarji tal-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

L-eżerċizzju kien komprensiv fin-natura tiegħu:

- Aktar minn 800 portafoll individwali eżaminati
- Aktar minn 119,000 debitur analizzati bid-dettalji
- Aktar minn 170,000 unità ta' kollateral rivalutati
- Aktar minn 850 mudell għall-provediment u għall-aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu (CVA) ikkontestati
- Aktar minn 5,000 titolu rivalutati